# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

22 ta' Ġunju 2021*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Artikoli 5, 6 u 10 – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-aċċess tal-pubbliku għad-data personali dwar il-punti ta' penalità imposti għal reati tat-traffiku – Legalità – Kunċett ta' 'data personali relatata ma' kundanni kriminali u reati' – Żvelar sabiex titjieb is-sigurtà fit-toroq – Dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti uffiċjali – Libertà tal-informazzjoni – Konċiljazzjoni mad-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali – Użu mill-ġdid tad-data – Artikolu 267 TFUE – Effetti *ratione temporis* ta' deċiżjoni preliminari – Possibbiltà għal qorti kostituzzjonali ta' Stat Membru li żżomm l-effetti legali ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li ma hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni – Prinċipji ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u ta' ċertezza legali"

Fil-Kawża C-439/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mil-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Latvja), permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Ġunju 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Ġunju 2019, fil-proċedura mressqa minn

**B**

fil-preżenza ta':

**Latvijas Republikas Saeima,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, R. Silva de Lapuerta, Viċi-president, J.-C. Bonichot, A. Arabadjiev, E. Regan, M. Ilešič (Relatur) u N. Piçarra, Presidenti ta' Awla, E. Juhász, M. Safjan, D. Šváby, S. Rodin, F. Biltgen, K. Jürimäe, C. Lycourgos u P. G. Xuereb, imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

* Lingwa tal-kawża: il-Latvjan.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Latvjan, inizjalment minn V. Soņeca u K. Pommere, sussegwentement minn K. Pommere, bħala aġenti,

– għall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn K. Bulterman u M. Noort, bħala aġenti,

– għall-Gvern Awstrijak, minn J. Schmoll u G. Kunnert, bħala aġenti,

– għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes kif ukoll minn P. Barros da Costa, A. C. Guerra u I. Oliveira, bħala aġenti,

– għall-Gvern Svediż, minn C. Meyer-Seitz, H. Shev, H. Eklinder, R. Shahsavan Eriksson, A. Runeskjöld u M. Salborn Hodgson kif ukoll minn O. Simonsson u J. Lundberg, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn D. Nardi u H. Kranenborg kif ukoll minn I. Rubene, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-17 ta' Diċembru 2020,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 5, 6 u 10 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU L 127, 23.5.2018, p. 2, iktar' il quddiem il-"GDPR"), tal-Artikolu 1(2)(cc) tad-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13 Vol. 32, p. 701), kif emendata bid-Direttiva 2013/37/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 (ĠU L 175, p. 1) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2003/98"), kif ukoll tal-prinċipji ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u ta' ċertezza legali.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċedura mibdija minn B dwar il-legalità ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-aċċess tal-pubbliku għad-data personali dwar il-punti ta' penalita imposti għal reati tat-traffiku.

**Il-kuntest ġuridiku**

***Id-dritt tal-Unjoni***

***Id-Direttiva 95/46/KE***

3 Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355), tħassret, b'effett mill-25 ta' Mejju 2018, mill-GDPR. L-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, intitolat "Skop", kien ifformulat kif ġej:

"1. Din id-Direttiva għandha tkun applikabbli għall-ipproċessar ta' data personali fl-intier tiegħu jew parti minnu b'mezzi awtomatiċi, u għall-ipproċessar b'mezzi oħra mhux awtomatiċi ta' data personali li tagħmel parti minn sistema ta' skedar jew li tkun maħsuba li tagħmel parti minn sistema ta' skedar.

2. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għall-ipproċessar ta' data personali:

– fil-kors ta' attività li ma tkunx skond il-finijiet ta' liġi tal-Komunità, bħalma huma dawk provduti fit-Titoli V u VI tat-Trattat [UE, fil-verżjoni tiegħu qabel it-Trattat ta' Lisbona], u fi kwalunkwe każ għal operazzjonijiet ta' ipproċessar dwar sigurtà pubblika, difiża, sigurtà ta' l-Istat (magħdud il-ġid ekonomiku ta' l-Istat meta l-operazzjoni ta' l-ipproċessar tkun dwar materji ta' sigurtà ta' l-Istat) u l-attivitajiet ta' l-Istat fl-oqsma tal-liġi kriminali,

[...]"

***Il-GDPR***

4 Il-premessi 1, 4, 10, 16, 19, 39, 50 u 154 tal-GDPR jipprovdu:

"(1) Il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali hija dritt fundamentali. L-Artikolu 8(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [iktar 'il quddiem il-"Karta"] u l-Artikolu 16(1) tat-[TFUE] jipprevedu li kull persuna għandha dritt għall-protezzjoni tad-data personali li tirrigwardaha.

[...]

(4) L-ipproċessar tad-data personali għandu jitfassal biex iservi lill-bniedem. Id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali mhuwiex dritt assolut; huwa għandu jiġi kkunsidrat b'rabta mal-funzjoni tiegħu fis-soċjetà u jkun ibbilanċjat ma' drittijiet fundamentali oħrajn, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali kollha u josserva l-libertajiet u l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta kif integrata fit-Trattati, b'mod partikolari r-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dar u l-komunikazzjonijiet, il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà tal-intrapriża, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali u d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika.

[…]

(10) Sabiex ikun żgurat livell konsistenti u għoli ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi u sabiex jitneħħew l-ostakoli għaċ-ċirkolazzjoni tad-data personali fl-Unjoni, il-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' din id-data għandu jkun ekwivalenti fl-Istati Membri kollha. L-applikazzjoni konsistenti u omoġenea tar-regoli għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali għandha tkun żgurata fl-Unjoni kollha. […]

[…]

(16) Dan ir-Regolament ma japplikax għal kwistjonijiet ta' protezzjoni ta' drittijiet u libertajiet fundamentali jew il-fluss liberu ta' data personali relatata ma' attivitajiet li jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, bħal attivitajiet rigward is-sigurtà nazzjonali. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-ipproċessar tad-data personali mill-Istati Membri meta jwettqu attivitajiet fir-rigward tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni.

[…]

(19) Il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali minn awtoritajiet kompetenti għall-għanijiet tal-prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, inkluż is-salvagwardja kontra u l-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà pubblika u l-moviment liberu ta' tali data, hija s-suġġett ta' att legali speċifiku tal-Unjoni. Dan ir-Regolament m'għandux, għalhekk, japplika għall-attivitajiet ta' pproċessar għal dawk l-għanijiet. Madanakollu, id-data personali pproċessata mill-awtoritajiet pubbliċi skont dan ir-Regolament meta tintuża għal dawk l-għanijiet għandha tkun regolata minn att legali aktar speċifiku tal-Unjoni jiġifieri d-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89, rettifika fil-ĠU L 127, 23.5.2018, p. 6)]

[…]

(39) […] B'mod partikolari, il-finijiet speċifiċi li għalihom tiġi pproċessata data personali għandhom ikunu espliċiti u leġittimi u stabbiliti fil-mument meta tinġabar id-data personali. […] Id-data personali għandha tkun ipproċessata biss jekk il-fini tal-ipproċessar ma jkunx jista' jintlaħaq mod ieħor b'mod raġonevoli. […]

[…]

(50) L-ipproċessar ta' data personali għal finijiet oħra minbarra dawk li għalihom id-data personali tkun inġabret inizjalment għandu jkun permess biss fejn l-ipproċessar ikun kompatibbli mal-finijiet li għalihom id-data personali tkun inġabret inizjalment. F'tali każ ma tkun meħtieġa l-ebda bażi għajr dik li tkun ippermettiet il-ġbir tad-data personali. Jekk l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-prestazzjoni ta' kompitu mwettaq fl-interess pubbliku jew

fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali mogħtija lill-kontrollur, il-liġi tal-Unjoni jew tal-Istat Membru tista' tiddetermina u tispeċifika l-kompiti u l-finijiet li għalihom l-ipproċessar ulterjuri għandu jitqies bħala kompatibbli u legali. […]

[…]

(154) Dan ir-Regolament jippermetti li jittieħed kont tal-prinċipju ta' aċċess pubbliku għal dokumenti uffiċjali fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-aċċess pubbliku għal dokumenti uffiċjali jista' jitqies bħala interess pubbliku. Id-data personali f'dokumenti miżmuma minn awtorità pubblika jew korp pubbliku għandha tkun tista' tiġi żvelata minn dik l-awtorità jew dan il-korp jekk dan ikun previst mil-liġi tal-Unjoni jew il-liġi tal-Istat Membru li tirregola lil dik l-awtorità pubblika jew dak il-korp pubbliku. Tali liġijiet għandhom jirrikonċiljaw l-aċċess pubbliku għad-dokumenti uffiċjali u l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku mad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u għalhekk jistgħu jipprevedu r-rikonċiljazzjoni meħtieġa mad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali skont dan ir-Regolament. Ir-referenza għall-awtoritajiet u l-korpi pubbliċi għandha f'dak il-kuntest tinkludi l-awtoritajiet kollha jew korpi oħra koperti bil-liġi ta' Stat Membru dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti. Id-Direttiva [2003/98/KE] tħalli intatt u bl-ebda mod ma tolqot il-livell ta' protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni u l-liġi tal-Istat Membru, u b'mod partikolari ma tibdilx l-obbligi u d-drittijiet stipulati f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, dik id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal dokumenti li għalihom l-aċċess huwa eskluż jew ristrett minħabba r-reġimi ta' aċċess għal raġunijiet ta' protezzjoni tad-data personali, u partijiet ta' dokumenti aċċessibbli permezz ta' dawk ir-reġimi li fihom data personali li l-użu mill-ġdid tagħha ġie previst mil-liġi bħala inkompatibbli mal-liġi rigward il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali."

5 L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, intitolat "Suġġett u objettivi", jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli relatati mal-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u regoli relatati mal-moviment liberu tad-data personali.

2. Dan ir-Regolament jipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-protezzjoni ta' data personali.

3. Il-moviment liberu tad-data personali fl-Unjoni għandu jkun la ristrett u lanqas ipprojbit għal raġunijiet marbutin mal-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali."

6 L-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni materjali", jipprevedi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Dan ir-Regolament japplika għall-ipproċessar ta' data personali kompletament jew parzjalment b'mezzi awtomatizzati, u għall-ipproċessar għajr b'mezzi awtomatizzati ta' data personali li tifforma parti minn sistema ta' arkivjar jew li tkun maħsuba sabiex tifforma parti minn sistema ta' arkivjar.

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-ipproċessar ta' data personali:

(a) matul attività li ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni;

(b) mill-Istati Membri meta jkunu qegħdin iwettqu attivitajiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-TUE;

(c) minn persuna fiżika waqt attività purament personali jew fid-dar;

(d) mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali, jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, inkluż is-salvagwardji kontra u l-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà pubblika."

7 Skont l-Artikolu 4 tal-istess regolament, intitolat "Definizzjonijiet":

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(1) 'data personali' tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli […];

(2) 'ipproċessar' tfisser kwalunkwe attività jew sett ta' attivitajiet li jitwettqu fuq data personali jew fuq settijiet ta' data personali, sew jekk b'mezzi awtomatizzati u sew jekk mingħajrhom, bħalma huma l-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, l-istrutturar, il-ħażna, l-adattament jew il-bidliet, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, l-iżvelar bi trażmissjoni, it-tixrid jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni b'xi mezz ieħor, l-allinjament jew it-taħlita, ir-restrizzjoni, it-tħassir jew il-qerda;

[…]

(7) 'kontrollur' tfisser persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew kwalunkwe korp ieħor li, waħdu jew flimkien ma' oħrajn, jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta' data personali; fejn l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ikunu ddeterminati mil-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, il-kontrollur jew il-kriterji speċifiċi għall-ħatra tiegħu jistgħu jiġu determinati mil-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru;

[…]"

8 L-Artikolu 5 tal-GDPR, intitolat "Prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' data personali", jipprovdi:

"1. Id-data personali għandha:

(a) tkun ipproċessata legalment, ġustament u b'mod trasparenti fir-rigward tas-suġġett tad-data ('legalità, ġustizzja u trasparenza');

(b) tinġabar għal finijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi u ma għandhiex tiġi pproċessata ulterjorment b'mod inkompatibbli ma' dawk il-finijiet; […] ('limitazzjoni tal-fini');

(c) tkun adegwata, rilevanti, u limitata għal dak li hu meħtieġ b'rabta mal-finijiet li għalihom tkun qed tiġi pproċessata ('minimizzazzjoni tad-data');

(d) tkun preċiża u, fejn meħtieġ, tinżamm aġġornata; għandu jsir dak kollu raġonevoli biex ikun żgurat li d-data personali li ma tkunx eżatta, b'kont meħud tal-għanijiet li għalihom tiġi pproċessata, titħassar jew tissewwa mingħajr dewmien ('preċiżjoni');

(e) tinżamm f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data għal mhux aktar żmien milli jkun meħtieġ fir-rigward tal-finijiet li għalihom id-data personali tkun qed tiġi pproċessata; [...] ('limitazzjoni tal-ħażna');

(f) tiġi pproċessata b'mod li jiżgura sigurtà xierqa tad-data personali, inkluża l-protezzjoni mill-ipproċessar mhux awtorizzat jew illegali u kontra t-telf, il-qerda jew il-ħsara aċċidentali, bl-użu ta' miżuri tekniċi jew organizzattivi xierqa ('integrità u kunfidenzjalità').

2. Il-kontrollur għandu jkun responsabbli għall-konformità mal-paragrafu 1 u jkun kapaċi juriha ('responsabbiltà')".

9 L-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament, intitolat "Legalità tal-ipproċessar", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

L-ipproċessar għandu jkun legali biss jekk u safejn mill-inqas ikun japplika wieħed mill-punti li ġejjin:

(a) is-suġġett tad-data jkun ta l-kunsens għall-ipproċessar ta' data personali tiegħu għal fini speċifiku wieħed jew aktar;

(b) l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-twettiq ta' kuntratt li għalih is-suġġett tad-data huwa parti jew sabiex jittieħdu passi fuq talba tas-suġġett tad-data qabel ma jidħol f'kuntratt;

(c) l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-konformità ma' obbligu legali li għalih huwa soġġett il-kontrollur;

(d) l-ipproċessar ikun meħtieġ sabiex ikunu protetti l-interessi vitali tas-suġġett tad-data jew ta' persuna fiżika oħra;

(e) l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-twettiq ta' kompitu li jsir fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali mogħtija lill-kontrollur;

(f) l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-finijiet tal-interessi leġittimi segwiti mill-kontrollur jew minn parti terza, għajr meta dawn l-interessi jingħelbu mill-interessi jew id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-data li jeħtieġu l-protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari meta s-suġġett tad-data jkun minorenni.

Il-punt (f) tal-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għall-ipproċessar li jitwettaq minn awtoritajiet pubbliċi fit-twettiq tal-kompiti tagħhom."

10 L-Artikolu 10 tal-imsemmi regolament, intitolat "Ipproċessar ta' data personali relatata ma' kundanni kriminali u reati", jipprovdi:

"L-ipproċessar ta' data personali relatata ma' kundanni kriminali u reati jew relatata ma' miżuri ta' sigurtà abbażi tal-Artikolu 6(1) għandu jsir biss taħt il-kontroll ta' awtorità uffiċjali jew meta l-ipproċessar ikun awtorizzat minn liġi tal-Unjoni jew liġi ta' Stat Membru li tipprevedi salvagwardji

xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data. Kwalunkwe reġistru komprensiv ta' kundanni kriminali għandu jinżamm biss taħt il-kontroll ta' awtorità uffiċjali."

11 L-Artikolu 51 tal-istess regolament, intitolat "Awtorità superviżorja", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Kull Stat Membru għandu jipprovdi li awtorità pubblika indipendenti waħda jew aktar ikunu responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi b'rabta mal-ipproċessar u biex jiġi ffaċilitat il-fluss liberu ta' data personali fl-Unjoni ('awtorità superviżorja')."

12 L-Artikolu 85 tal-GDPR, intitolat "Ipproċessar u libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jirrikonċiljaw skont il-liġi d-dritt għall-protezzjoni ta' data personali skont dan ir-Regolament mad-dritt għal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni, inkluż l-ipproċessar għal finijiet ġurnalistiċi u l-finijiet ta' espressjoni akkademika, artistika jew letterarja."

13 L-Artikolu 86 ta' dan ir-regolament, intitolat "Ipproċessar u aċċess pubbliku għal dokumenti uffiċjali", jipprevedi:

"Id-data personali f'dokumenti uffiċjali miżmuma minn awtorità pubblika jew korp pubbliku jew korp privat għat-twettiq ta' kompitu li jitwettaq fl-interess pubbliku tista' tiġi żvelata mill-awtorità jew il-korp f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew il-liġi tal-Istat Membru li għaliha tkun soġġetta l-awtorità jew il-korp pubbliku sabiex jiġi rikonċiljat l-aċċess pubbliku għal dokumenti uffiċjali mad-dritt għall-protezzjoni ta' data personali skont dan ir-Regolament."

14 Skont l-Artikolu 87 tal-imsemmi regolament, intitolat "Ipproċessar tan-numru tal-identifikazzjoni nazzjonali":

"L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw aktar il-kondizzjonijiet speċifiċi għall-ipproċessar ta' numru tal-identifikazzjoni nazzjonali jew kwalunkwe identifikatur ieħor ta' applikazzjoni ġenerali. F'dak il-każ in-numru tal-identifikazzjoni nazzjonali jew kwalunkwe identifikatur ieħor ta' applikazzjoni ġenerali għandu jintuża biss taħt salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-data skont dan ir-Regolament."

15 L-Artikolu 94 tal-istess regolament jipprovdi:

"1. Id-Direttiva [95/46] titħassar b'effett mill-25 ta' Mejju 2018.

2. Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament. [...]."

***Id-Direttiva 2016/680***

16 Il-premessi 10, 11 u 13 tad-Direttiva 2016/680 jipprevedu:

"(10) Fid-Dikjarazzjoni Nru 21 dwar il-protezzjoni tad-data personali fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali, annessa mal-att finali tal-konferenza intergovernattiva li adottat it-Trattat ta' Lisbona, il-konferenza rrikonoxxiet li regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni ta' data personali u l-moviment liberu

ta' data personali fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u dik tal-pulizija, ibbażati fuq l-Artikolu 16 TFUE, jistgħu jirriżultaw neċessarji minħabba n-natura speċifika ta' dawk l-oqsma.

(11) Għalhekk hu xieraq għal dawk l-oqsma li jiġu indirizzati minn direttiva li tistipula regoli speċifiċi relatati mal-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, inkluż is-salvagwardja kontra u l-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà pubblika, filwaqt li tiġi rrispettata n-natura speċifika ta' dawk l-attivitajiet. Tali awtoritajiet kompetenti jistgħu jinkludu mhux biss awtoritajiet pubbliċi bħall-awtoritajiet ġudizzjarji, il-pulizija jew awtoritajiet oħra tal-infurzar tal-liġi iżda wkoll kwalunkwe korp jew entità fdata mil-liġi ta' Stat Membru li teżerċita awtorità pubblika u setgħat pubbliċi għall-finijiet ta' din id-Direttiva. Fejn tali korp jew entità tipproċessa data personali għal finijiet oħra għajr għal finijiet ta' din id-Direttiva, japplika [l-GDPR]. [Il-GDPR]għalhekk japplika f'każijiet fejn korp jew entità jiġbru d-data personali għal finijiet oħra u jkomplu jipproċessaw dik id-data personali sabiex jikkonformaw ma' obbligu legali li għalih ikunu soġġetti. […]

[…]

(13) Reat kriminali skont it-tifsira ta' din id-Direttiva għandu jkun kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea […].”

17 L-Artikolu 3 ta' din id-direttiva jipprovdi:

“Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

[…]

(7) ‘awtorità kompetenti’ tfisser:

(a) kwalunkwe awtorità kompetenti pubblika għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, inkluż is-salvagwardja kontra u l-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà pubblika; jew

(b) kwalunkwe korp jew entità oħra fdata mil-liġi ta' Stat Membru li teżerċita awtorità pubblika u setgħat pubbliċi għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, inkluż is-salvagwardja kontra u l-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà pubblika;

[…]”

***Id-Direttiva 2003/98***

18 Skont il-premessa 21 tad-Direttiva 2003/98:

“Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata u applikata b'konformità sħiħa mal-prinċipji li jirrelataw mal-protezzjoni ta' data personali skond id-Direttiva [95/46].”

19 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/98, intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni", jaqra kif ġej:

"1. Din id-Direttiva tistabbilixxi sett minimu ta' regoli li jirregolaw l-użu mill-ġdid u l-mezzi prattiċi għall-iffaċilitar ta' l-użu mill-ġdid ta' dokumenti eżistenti miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku ta' l-Istati Membri.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal:

[…]

(cc) dokumenti li l-aċċess għalihom huwa eskluż jew ristrett minħabba r-reġimi ta' aċċess għal raġunijiet ta' protezzjoni tad-dejta personali, u partijiet ta' dokumenti aċċessibbli minħabba dawk ir-reġimi li fihom dejta personali li l-użu mill-ġdid tagħha ġie definit mill-liġi bħala inkompatibbli mal-liġi rigward il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali;

[…]

3. Din id-Direttiva tibni fuq u hija bla ħsara għar-reġimi ta' aċċess fl-Istati Membri.

4. Din id-Direttiva tħalli intatt u bl-ebda mod ma taffettwa l-livell ta' protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali taħt id-disposizzjonijiet tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali, u b'mod partikolari ma tibdilx l-obbligi u d-drittijiet stipulati fid-Direttiva [95/46].

[…]".

### *Id-dritt Latvjan*

20 L-Artikolu 96 tal-Latvijas Republikas Satversme (il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Latvja, iktar 'il quddiem il-"Kostituzzjoni Latvjana") jipprovdi:

"Kulħadd għandu dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu."

21 Skont l-Artikolu 1(5) tal-Informācijas atklātības likums (il-Liġi dwar il-Libertà tal-Informazzjoni), tad-29 ta' Ottubru 1998 (Latvijas Vēstnesis, 1998, Nru 334/335), l-użu mill-ġdid jikkonsisti fl-użu ta' informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku miżmuma u maħluqa minn awtorità, għal finijiet kummerċjali jew mhux kummerċjali differenti mill-għan inizjali li għalih inħolqot dik l-informazzjoni, jekk dan l-użu jsir minn persuna privata u ma jaqax taħt funzjonijiet ta' awtorità pubblika.

22 Skont l-Artikolu 4 ta' din il-liġi, l-informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku hija dik li ma taqax fil-kategorija ta' informazzjoni b'aċċess ristrett.

23 L-Artikolu 5 tal-liġi msemmija jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li l-informazzjoni tkun b'aċċess ristrett meta din tkun intiża għal grupp limitat ta' persuni għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti tagħhom jew tal-obbligi professjonali tagħhom u meta l-iżvelar jew it-telf ta' din l-informazzjoni, minħabba n-natura u l-kontenut tagħha, jostakola jew jista' jostakola l-attivitajiet ta' awtorità, jew jikkawża jew jista' jikkawża preġudizzju għall-interessi tal-persuni protetti mil-liġijiet. Dan

l-artikolu jenfasizza, fil-paragrafu 2 tiegħu, li informazzjoni titqies bħala informazzjoni b'aċċess ristrett meta, b'mod partikolari, il-liġi tipprevedi dan, u jispeċifika, fil-paragrafu 6 tiegħu, li informazzjoni diġà ppubblikata ma tistax titqies bħala informazzjoni b'aċċess ristrett.

24 Skont l-Artikolu 10(3) tal-istess liġi, l-informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku tista' tiġi pprovduta fuq talba, peress li l-applikant ma huwiex obbligat li jiġġustifika b'mod speċifiku l-interess tiegħu biex jikseb din l-informazzjoni u l-aċċess għaliha ma jistax jiġi rrifjutat lilu minħabba li ma jikkonċernahx.

25 L-Artikolu 14[1] tas-Ceļu satiksmes likums (il-Liġi dwar it-Traffiku fit-Toroq), tal-1 ta' Ottubru 1997 (*Latvijas Vēstnesis*, 1997, Nru 274/276), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar it-Traffiku fit-Toroq"), intitolat "Aċċess għall-informazzjoni miżmuma fir-reġistru nazzjonali tal-vetturi u tas-sewwieqa tagħhom [...]", jipprovdi fil-paragrafu 2 tiegħu:

"L-informazzjoni dwar [...] id-dritt ta' persuna li ssuq vetturi, il-multi imposti għal reati tat-traffiku u mhux imħallsa fit-terminu previst mil-liġi, kif ukoll l-informazzjoni l-oħra li tinsab fir-reġistru nazzjonali tal-vetturi u tas-sewwieqa tagħhom [...], tikkostitwixxi informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku."

26 L-Artikolu 43 tal-Liġi dwar it-Traffiku fit-Toroq, intitolat "Sistema ta' punti ta' penalità", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Bil-għan li tiġi influwenzata l-imġiba tas-sewwieqa tal-vetturi, billi jiġi ffavorit sewqan sigur tal-vetturi u l-osservanza tal-leġiżlazzjoni fit-toroq, kif ukoll bil-għan li jitnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji għall-ħajja, għas-saħħa u għall-proprjetà tal-persuni, ir-reati amministrattivi mwettqa mis-sewwieqa tal-vetturi għandhom jiddaħħlu fir-reġistru tal-kundanni u l-punti ta' penalità għandhom jiġu rreġistrati fir-reġistru nazzjonali tal-vetturi u tas-sewwieqa tagħhom."

27 Skont il-punti 1 u 4 tal-Ministru kabineta noteikumi Nr. 551 "Pārkāpumu uzskaites punktu sistēmas piemērošanas noteikumi" (Digriet Nru 551 tal-Kunsill tal-Ministri dwar ir-regoli tal-implimentazzjoni tas-sistema tal-punti ta' penalità), tal-21 ta' Ġunju 2004 (*Latvijas Vēstnesis*, 2004, Nru 102), il-punti ta' penalità għar-reati amministrattivi mwettqa fil-qasam tat-traffiku fit-toroq minn sewwieqa ta' vetturi għandhom jiġu rreġistrati b'mod awtomatiku fil-jum meta jiskadi t-terminu għall-preżentata ta' rikors kontra d-deċiżjoni li timponi sanzjoni amministrattiva.

28 Skont il-punt 7 ta' dan id-digriet, il-punti ta' penalità għandhom jitħassru meta jiġu preskritti.

29 Skont il-punt 12 tal-imsemmi digriet, abbażi tan-numru ta' punti ta' penalità, is-sewwieqa jkunu suġġetti għal miżuri, bħal twissijiet, taħriġ jew eżamijiet fil-qasam tas-sigurtà fit-toroq, jew ta' projbizzjoni li jeżerċitaw id-dritt tas-sewqan tal-vetturi matul perijodu determinat.

30 Kif jirriżulta mill-Artikolu 32(1) tas-Satversmes tiesas likums (il-Liġi dwar il-Qorti Kostituzzjonali), tal-5 ta' Ġunju 1996 (*Latvijas Vēstnesis*, 1996, Nru 103), sentenza tal-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Latvja) hija definittiva u eżekuttiva sa mill-għoti tagħha. Skont l-Artikolu 32(3) ta' din il-liġi, dispożizzjoni legali li l-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali) iddikjarat li ma hijiex konformi ma' regola ġuridika superjuri titqies nulla mill-jum tal-pubblikazzjoni tas-sentenza ta' din il-qorti, sakemm din ma tiddeċidix mod ieħor.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

31 B hija persuna fiżika li ġew imposti fuqha punti ta' penalità minħabba ksur wieħed jew iktar tar-regoli tat-traffiku. Skont il-Liġi dwar it-traffiku fit-toroq u d-Digriet Nru 551, tal-21 ta' Ġunju 2004, is-Ceļu satiksmes drošības direkcija (id-Direttorat tas-Sigurtà tat-Traffiku, il-Latvja) (iktar 'il quddiem iċ-"CSDD") irreġistra dawn il-punti ta' penalità fir-reġistru nazzjonali tal-vetturi u tas-sewwieqa tagħhom.

32 Peress li l-informazzjoni dwar l-imsemmija punti ta' penalità li tinsab f'dan ir-reġistru hija aċċessibbli għall-pubbliku u barra minn hekk, skont B, ġiet ikkomunikata, għal finijiet ta' użu mill-ġdid, lil diversi operaturi ekonomiċi, B ippreżenta rikors kostituzzjonali quddiem il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali), sabiex din teżamina l-konformità tal-Artikolu 14[1](2) tal-Liġi dwar it-traffiku fit-toroq mad-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata stabbilit fl-Artikolu 96 tal-Kostituzzjoni Latvjana.

33 Il-Latvijas Republikas Saeima (il-Parlament tar-Repubblika tal-Latvja, iktar 'il quddiem il-"Parlament Latvjan") ġie assoċjat mal-proċedura bħala istituzzjoni li adottat il-Liġi dwar it-traffiku fit-toroq. Barra minn hekk, instemgħet iċ-CSDD, li tipproċessa d-data dwar il-punti ta' penalità imposti għal reati tat-traffiku, kif ukoll id-Datu valsts inspekcija (l-Awtorità għall-protezzjoni tad-data), li hija, fil-Latvja, l-awtorità ta' superviżjoni fis-sens tal-Artikolu 51 tal-GDPR, kif ukoll diversi awtoritajiet u persuni oħra.

34 Fil-kuntest tar-rikors fil-kawża prinċipali, il-Parlament Latvjan ikkonferma li, skont l-Artikolu 14[1] (2) tal-Liġi dwar it-traffiku fit-toroq, kull persuna tista' tikseb informazzjoni dwar il-punti ta' penalità imposti fuq persuna oħra, jew billi tistaqsi direttament liċ-CSDD, jew billi tuża s-servizzi pprovduti minn utenti mill-ġdid kummerċjali.

35 Dan enfasizza li din id-dispożizzjoni hija legali għaliex iġġustifikata mill-għan ta' titjib tas-sigurtà fit-toroq. Dan l-interess ġenerali jeħtieġ li l-persuni li jiksru l-kodiċi tat-triq, b'mod partikolari dawk li jiksru dan il-kodiċi b'mod sistematiku u b'*mala fide*, jiġu identifikati apertament u li s-sewwieqa tal-vetturi jkunu, permezz ta' din it-trasparenza, dissważi milli jwettqu reati.

36 L-imsemmija dispożizzjoni hija, barra minn hekk, iġġustifikata mid-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni, previst mill-Kostituzzjoni Latvjana.

37 Il-Parlament Latvjan jippreċiża li, fil-prattika, l-informazzjoni li tinsab fir-reġistru nazzjonali tal-vetturi u tas-sewwieq tagħhom tiġi kkomunikata bil-kundizzjoni li l-persuna li titlob l-informazzjoni tipprovdi n-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali tas-sewwieq li dwaru hija tkun trid tikseb l-informazzjoni. Dan il-prerekwiżit biex tinkiseb l-informazzjoni huwa spjegat bil-fatt li, bil-kontra tal-isem ta' persuna, li jista' jkun identiku għal dak ta' persuni oħra, in-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali huwa identifikatur uniku.

38 Min-naħa tagħha, iċ-CSDD osservat li l-Artikolu 14[1](2) tal-Liġi dwar it-traffiku fit-toroq ma jimponix limiti la għall-aċċess mill-pubbliku għad-data dwar il-punti ta' penalità u lanqas dwar l-użu mill-ġdid ta' din id-data. Fir-rigward tal-kuntratti li hija tikkonkludi mal-utenti mill-ġdid kummerċjali, iċ-CSDD enfasizzat li dawn il-kuntratti ma jipprovdux għat-trasferiment legali tad-data u li l-utenti mill-ġdid għandhom jaċċertaw li l-informazzjoni trażmessa lill-klijenti tagħhom ma teċċedix dik li tista' tinkiseb mingħand iċ-CSDD. Barra minn hekk, fil-kuntest ta' dawn il-kuntratti, l-akkwirent għandu juri li ser juża l-informazzjoni miksuba konformement mal-għanijiet indikati fil-kuntratt u fl-osservanza tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

39 Fir-rigward tad-Datu valsts inspekcija (l-Awtorità tal-protezzjoni tad-data), din esprimiet id-dubji tagħha fir-rigward tal-konformità tal-Artikolu 14[1](2) tal-Liġi dwar it-traffiku fit-toroq mal-Artikolu 96 tal-Kostituzzjoni Latvjana li jipprevedi d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata. Fl-opinjoni tagħha, l-importanza u l-għan tal-ipproċessar imwettaq abbażi tad-dispożizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma humiex stabbiliti b'mod ċar, b'tali mod li ma huwiex eskluż li dan it-trattament ma huwiex xieraq jew huwa sproporzjonat. Fil-fatt, minkejja li l-statistika dwar l-inċidenti tat-traffiku fil-Latvja turi tnaqqis fin-numru ta' inċidenti, madankollu ma huwiex stabbilit li s-sistema tal-punti ta' penalità u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni relattiva għal din is-sistema kkontribwixxew għal dan l-iżvilupp favorevoli.

40 Il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali) tikkonstata, qabel kollox, li r-rikors jikkonċerna l-Artikolu 14 [1](2) tal-Liġi dwar it-traffiku fit-toroq biss sa fejn din id-dispożizzjoni tirrendi l-punti ta' penalità mdaħħla fir-reġistru nazzjonali tal-vetturi u tas-sewwieqa tagħhom aċċessibbli għall-pubbliku.

41 Din il-qorti tirrileva, sussegwentement, li l-punti ta' penalità huma data personali u li hemm lok, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata previst fl-Artikolu 96 tal-Kostituzzjoni Latvjana, li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-GDPR kif ukoll, b'mod iktar ġenerali, l-Artikolu 16 TFUE u l-Artikolu 8 tal-Karta.

42 Fir-rigward tal-għanijiet tal-leġiżlazzjoni Latvjana fil-qasam tat-traffiku fit-toroq, l-imsemmija qorti tesponi li huwa b'mod partikolari sabiex tiġi ffavorita s-sigurtà fit-toroq li r-reati mwettqa mis-sewwieqa, li huma kklassifikati bħala amministrattivi fil-Latvja, huma rreġistrati fir-reġistru tal-kundanni u li l-punti ta' penalità huma rreġistrati fir-reġistru nazzjonali tal-vetturi u tas-sewwieqa tagħhom.

43 F'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, ir-reġistru nazzjonali tal-vetturi u tas-sewwieqa tagħhom, dan jippermetti li jkun magħruf in-numru ta' reati tat-traffiku mwettqa u li jiġu implimentati miżuri skont dan in-numru. Is-sistema tal-punti ta' penalità mniżżla f'dan ir-reġistru għandha b'hekk l-għan li ttejjeb is-sigurtà fit-toroq billi tippermetti, minn naħa, li ssir distinzjoni bejn is-sewwieqa ta' vetturi li sistematikament u b'mala fede jinjoraw ir-regoli tat-traffiku fit-toroq mis-sewwieqa li jwettqu reati okkażjonalment. Min-naħa l-oħra, tali sistema tista' wkoll tinfluwenza b'mod preventiv l-aġir tal-utenti tat-triq, billi tħeġġiġhom josservaw il-liġi tat-traffiku.

44 L-istess qorti tar-rinviju tosserva li huwa stabbilit li l-Artikolu 14[1](2) tal-Liġi dwar it-traffiku fit-toroq jagħti lil kull persuna d-dritt li titlob u li tikseb miċ-CSDD l-informazzjoni li tinsab fir-reġistru nazzjonali tal-vetturi u tas-sewwieqa tagħhom fir-rigward tal-punti ta' penalità imposti fuq is-sewwieqa. F'dan ir-rigward, hija tikkonferma li, fil-prattika, din l-informazzjoni tingħata lill-persuna li tkun talbitha malli din tindika n-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali tas-sewwieq ikkonċernat.

45 Il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali) sussegwentement tikkjarifika li l-punti ta' penalità, minħabba l-klassifika tagħhom bħala informazzjoni aċċessibbli mill-pubbliku, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Liġi dwar il-libertà ta' informazzjoni u li, għalhekk, din tista' tintuża mill-ġdid għal skopijiet, kummerċjali jew mhux kummerċjali, differenti mill-iskop oriġinali li l-informazzjoni tkun inħolqot għalih.

46 Sabiex tinterpreta u tapplika l-Artikolu 96 tal-Kostituzzjoni Latvjana b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni, din il-qorti tixtieq tkun taf, fl-ewwel lok, jekk l-informazzjoni dwar il-punti ta' penalità taqax taħt dik imsemmija fl-Artikolu 10 tal-GDPR, jiġifieri "data personali relatata ma'

kundanni kriminali u reati". Fl-affermattiv, jista' jitqies li l-Artikolu 14[1](2) tal-Liġi dwar it-traffiku fit-toroq jikser ir-rekwiżit stabbilit fl-imsemmi Artikolu 10 li jgħid li l-ipproċessar tad-data li ssir referenza għaliha f'din id-dispożizzjoni jista' jsir biss "taħt il-kontroll ta' awtorità uffiċjali" jew taħt "salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data".

47 Il-qorti msemmija tosserva li l-Artikolu 8(5) tad-Direttiva 95/46, li kien iħalli lil kull Stat Membru jevalwa jekk ir-regoli partikolari dwar data relatata mar-reati u mal-kundanni kriminali kellhomx jiġu estiżi għad-data relatata mal-pieni u mar-reati amministrattivi, kien, mill-1 ta' Settembru 2007, ġie implimentat fil-Latvja b'mod li d-data ta' natura personali relatata mar-reati amministrattivi kienet tista', bħal data relatata mar-reati u mal-kundanni kriminali, tiġi pproċessata biss mill-persuni u fiċ-ċirkustanzi previsti mil-liġi.

48 Barra minn hekk, l-istess qorti tenfasizza li l-portata tal-Artikolu 10 tal-GDPR għandu, skont il-premessa 4 ta' dan ir-regolament, jiġi evalwat billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-funzjoni tad-drittijiet fundamentali fis-soċjetà. Issa, f'dan il-kuntest, l-għan li jiġi evitat li kundanna preċedenti ta' persuna jkollha effett negattiv eċċessiv fuq il-ħajja privata u professjonali tagħha jista' japplika kemm fir-rigward tal-kundanni kriminali kif ukoll fir-rigward tar-reati amministrattivi. F'dan il-kuntest, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-assimilazzjoni ta' ċerti kawżi amministrattivi ma' kawżi kriminali.

49 Il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali) tistaqsi, fit-tieni lok, dwar il-portata tal-Artikolu 5 tar-GDPR. B'mod partikolari, hija tistaqsi jekk il-leġiżlatur Latvjan ikkonformax ruħu mal-obbligu, stabbilit fil-paragrafu (1)(f) ta' dan l-Artikolu, li d-data personali tiġi pproċessata b'"integrità u kunfidenzjalità". Hija tosserva li l-Artikolu 14[1](2) tal-Liġi dwar it-traffiku fit-toroq, li, billi jagħti aċċess għall-informazzjoni dwar il-punti ta' penalità, jippermetti li jiġi ddeterminat jekk persuna kinitx ikkundannata għal reat tat-traffiku fit-triq, ma kienx jinkludi miżuri speċifiċi li jiżguraw is-sigurtà ta' tali data.

50 Din il-qorti tixtieq, fit-tielet lok, tkun taf jekk id-Direttiva 2003/98 hijiex rilevanti għall-eżami tal-kompatibbiltà tal-Artikolu 14[1](2) tal-Liġi dwar it-traffiku fit-triq mad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata. Fil-fatt, minn din id-direttiva jirriżulta li l-użu mill-ġdid ta' data personali jista' jiġi awtorizzat biss fl-osservanza tal-imsemmi dritt.

51 Fir-raba' lok, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mogħtija fid-deċiżjonijiet preliminari għandha effetti *erga omnes* u *ex tunc*, l-imsemmija qorti tistaqsi jekk, fil-każ ta' inkompatibbiltà tal-Artikolu 14[1](2) tal-Liġi dwar it-traffiku fit-toroq mal-Artikolu 96 tal-Kostituzzjoni Latvjana, moqri fid-dawl tal-GDPR u tal-Karta, hija tistax madankollu żżomm l-effetti *ratione temporis* tal-imsemmi Artikolu 14[1](2) sad-data tal-għoti tas-sentenza tagħha, fid-dawl tan-numru għoli tar-relazzjonijiet ġuridiċi inkwistjoni.

52 F'dan ir-rigward, il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali) tispjega li, skont il-liġi Latvjana, att li jkun ġie ddikjarat mhux kostituzzjonali għandu jitqies li huwa null mill-ġurnata tal-pubblikazzjoni tas-sentenza tagħha, sakemm dik il-qorti ma tiddeċidix mod ieħor. Hija tispjega li hija għandha, f'dan ir-rigward, tiżgura bilanċ bejn, minn naħa, il-prinċipju ta' ċertezza legali u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati differenti.

53 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Il-kunċett ta' 'ipproċessar ta' data personali relatata ma' kundanni kriminali u reati jew relatata ma' miżuri ta' sigurtà' użat fl-Artikolu 10 [tal-GDPR] għandu jiġi interpretat bħala li jirreferi għall-ipproċessar ta' informazzjoni dwar il-punti ta' penalità imposti għal reati tat-traffiku lis-sewwieqa previst fid-dispożizzjoni inkwistjoni?

2) Irrispettivament mir-risposta għall-ewwel domanda, id-dispożizzjonijiet [tal-GDPR], b'mod partikolari l-prinċipju ta' 'integrità u [ta'] kunfidenzjalità' stabbilit fl-Artikolu 5(1)(f), għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprojbixxu lill-Istati Membri milli jistabbilixxu li l-informazzjoni ġenerali dwar il-punti ta' penalità imposti għal reati tat-traffiku lis-sewwieqa tkun aċċessibbli lill-pubbliku u milli jippermettu l-ipproċessar tad-data korrispondenti permezz tal-komunikazzjoni tagħha?

3) Il-premessi 50 u 154, l-Artikoli 5(1)(b) u 10 [tal-GDPR], kif ukoll l-Artikolu 1(2)(cc) tad-Direttiva 2003/98/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tippermetti l-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar il-punti ta' penalità imposti għal reati tat-traffiku lis-sewwieqa sabiex tintuża mill-ġdid?

4) Jekk tingħata risposta fl-affermattiv għal waħda mid-domandi preċedenti, il-prinċipji ta' supremazija u ta' ċertezza legali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretat fis-sens li jippermettu l-applikazzjoni tar-regola inkwistjoni u li jinżammu l-effetti ġuridiċi tagħha sakemm tingħata d-deċiżjoni finali tal-Qorti Kostituzzjonali?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

54 Permezz tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 10 tal-GDPR għandux jiġi interpretat fis-sens li japplika għall-ipproċessar ta' informazzjoni personali relatata mal-punti ta' penalità imposti għal reati tat-traffiku lis-sewwieqa ta' vetturi, li jikkonsisti fil-kxif ta' tali informazzjoni lill-pubbliku.

55 Skont l-Artikolu 10 tal-GDPR, l-ipproċessar ta' data personali relatata mal-kundanni kriminali u mar-reati jew mal-miżuri ta' sigurtà konnessi abbażi tal-Artikolu 6(1) għandu jsir biss taħt il-kontroll ta' awtorità pubblika, jew meta l-ipproċessar ikun awtorizzat mid-dritt tal-Unjoni jew mil-liġi ta' Stat Membru li tipprevedi salvagwardji xierqa għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-persuni kkonċernati.

56 Għalhekk, preliminarjament, għandu jiġi vverifikat jekk l-informazzjoni dwar il-punti ta' penalità kkomunikata lit-terzi skont il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxix "data personali" fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 4 tal-GDPR, u jekk l-imsemmija komunikazzjoni tikkostitwixxix "ipproċessar" ta' tali data, fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament, li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tiegħu, kif iddefinit mill-Artikolu 2 tiegħu.

57 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat, fl-ewwel lok, li mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-leġiżlazzjoni Latvjana tipprevedi l-impożizzjoni ta' punti ta' penalità fuq is-sewwieqa ta' vetturi li wettqu reat tat-traffiku u li fuqhom ġiet imposta sanzjoni, pekunjarja jew oħra. Dawn il-punti jiġu rreġistrati minn korp pubbliku, iċ-CSDD, fir-reġistru nazzjonali tal-vetturi u tas-sewwieqa tagħhom fil-jum tal-iskadenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors kontra d-deċiżjoni li timponi din is-sanzjoni.

58 Mill-imsemmija deċiżjoni jirriżulta wkoll li r-reati tat-traffiku u s-sanzjonijiet intiżi li jissanzjonawhom jaqgħu, fil-Latvja, taħt id-dritt amministrattiv, u li l-impożizzjoni ta' punti ta' penalità ma għandhiex l-għan li timponi sanzjoni addizzjonali iżda li s-sewwieqa kkonċernati jiġu sensibilizzati, billi tħeġġiġhom jadottaw metodu ta' sewqan iktar sigur. Meta jintlaħaq ċertu numru ta' punti ta' penalità, il-persuna kkonċernata tista' tkun suġġetta għal projbizzjoni ta' sewqan matul perijodu determinat.

59 Minn din id-deċiżjoni jirriżulta wkoll li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tobbliga liċ-CSDD tikkomunika l-informazzjoni dwar il-punti ta' penalità imposti fuq sewwieq partikolari lil kull persuna li titlob l-aċċess għal din l-informazzjoni. Iċ-CSDD tillimita ruħha li teżiġi, għal dan il-għan, li l-applikant għal din l-informazzjoni jidentifika debitament lis-sewwieq ikkonċernat billi jipprovdi n-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali tiegħu.

60 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li l-informazzjoni dwar il-punti ta' penalità, li hija relatata ma' persuna fiżika identifikata, hija "data personali" fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 4 tal-GDPR, u li l-komunikazzjoni tagħha miċ-CSDD lil terzi tikkostitwixxi "pproċessar" fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 4 tal-GDPR.

61 Fit-tieni lok, għandu jiġi kkonstatat li l-komunikazzjoni ta' din l-informazzjoni taqa' taħt id-definizzjoni wiesgħa ħafna tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-GDPR, kif stabbilita fl-Artikolu 2(1) tagħha, u ma tinsabx fost l-ipproċessar ta' data personali li l-Artikolu 2(2)(a) u (d) tal-GDPR jeskludi minn dan il-kamp ta' applikazzjoni.

62 Fil-fatt, fir-rigward, minn naħa, tal-Artikolu 2(2)(a) tal-GDPR, dan jipprovdi li dan ir-regolament ma japplikax għall-ipproċessar ta' data personali mwettaq "matul attività li ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni;". Din l-eċċezzjoni għall-applikabbiltà tal-GDPR għandha, bħall-eċċezzjonijiet l-oħra previsti fl-Artikolu 2(2) tiegħu, tingħata interpretazzjoni stretta (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Lulju 2020, Land Hessen, C-272/19, EU:C:2020:535, punt 68, kif ukoll tas-16 ta' Lulju 2020, Facebook Ireland u Schrems, C-311/18, EU:C:2020:559, punt 84).

63 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 2(2)(a) ta' dan ir-regolament għandu jinqara flimkien mal-Artikolu 2(2)(b) u mal-premessa 16 tiegħu, li tispeċifika li l-imsemmi regolament ma japplikax għall-ipproċessar ta' data personali fil-kuntest ta' "attivitajiet li jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, bħal attivitajiet rigward is-sigurtà nazzjonali" kif ukoll "attivitajiet fir-rigward tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni".

64 Minn dan jirriżulta li l-Artikolu 2(2)(a) u (b) tal-GDPR jifforma parzjalment parti mill-kontinwità tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 95/46. Minn dan isegwi li l-Artikolu 2(2)(a) u (b) tal-GDPR ma jistax jiġi interpretat fis-sens li għandu portata usa' mill-eċċezzjoni li tirriżulta mill-ewwel inċiż tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 95/46, li kienet diġà teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, b'mod partikolari, l-ipproċessar ta' data personali li jseħħ fil-kuntest "ta' attività li ma tkunx skond il-finijiet ta' liġi tal-Komunità, bħalma huma dawk

provduti fit-Titoli V u VI tat-Trattat [UE, fil-verżjoni tiegħu qabel it-Trattat ta' Lisbona], u fi kwalunkwe każ għal operazzjonijiet ta' ipproċessar dwar sigurtà pubblika, difiża, sigurtà ta' l-Istat […].”

65 Issa, kif iddeċidiet ripetutament il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa biss l-ipproċessar ta' data personali mwettaq fil-kuntest ta' attività speċifika għall-Istati jew għall-awtoritajiet Statali u msemmi espressament fl-imsemmi Artikolu 3(2) jew fil-kuntest ta' attività li tista' tiġi kklassifikata fl-istess kategorija, li kienu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Novembru 2003, Lindqvist, C-101/01, EU:C:2003:596, punti 42 sa 44; tas-27 ta' Settembru 2017, Puškár, C-73/16, EU:C:2017:725, punti 36 u 37; kif ukoll tal-10 ta' Lulju 2018, Jehovan todistajat, C-25/17, EU:C:2018:551, punt 38).

66 Minn dan jirriżulta li l-Artikolu 2(2)(a) tal-GDPR, moqri fid-dawl tal-premessa 16 ta' dan ir-regolament, għandu jitqies li għandu l-uniku għan li jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament l-ipproċessar ta' data personali mwettaq mill-awtoritajiet statali fil-kuntest ta' attività intiża li tippreżerva s-sigurtà nazzjonali jew attività li tista' tiġi kklassifikata fl-istess kategorija, b'tali mod li s-sempliċi fatt li attività tkun speċifika għall-Istat jew għal awtorità pubblika ma huwiex biżżejjed sabiex din l-eċċezzjoni tkun applikabbli awtomatikament għal tali attività (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Land Hessen, C-272/19, EU:C:2020:535, punt 70).

67 L-attivitajiet li għandhom bħala għan li jippreżervaw is-sigurtà nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2)(a) tal-GDPR ikopru, b'mod partikolari, kif irrileva wkoll essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punti 57 u 58 tal-konklużjonijiet tiegħu, dawk li għandhom l-għan li jipproteġu l-funzjonijiet essenzjali tal-Istat u l-interessi fundamentali tas-soċjetà.

68 Issa, l-attivitajiet relatati mas-sigurtà fit-toroq ma għandhomx tali għan u ma jistgħux, konsegwentement, jiġu kklassifikati fil-kategorija tal-attivitajiet li għandhom l-għan li jippreżervaw is-sigurtà nazzjonali, imsemmija fl-Artikolu 2(2)(a) tal-GDPR.

69 Min-naħa l-oħra, f'dak li jikkonċerna l-Artikolu 2(2)(d) tal-GDPR, dan jistabbilixxi li dan ir-regolament ma japplikax għall-ipproċessar ta' data personali “mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali, jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, inkluż is-salvagwardji kontra u l-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà pubblika”. Kif jirriżulta mill-premessa 19 tal-imsemmi regolament, din l-eċċezzjoni hija mmotivata mill-fatt li l-ipproċessar, għal tali finijiet u mill-awtoritajiet kompetenti, ta' data personali huwa rregolat minn att iktar speċifiku tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva 2016/680, li ġiet adottata fl-istess jum bħall-GDPR u li tiddefinixxi, fl-Artikolu 3(7) tagħha, dak li għandu jinftiehem b'“awtorità kompetenti”, peress li tali definizzjoni għandha tiġi applikata, b'analoġija, għall-Artikolu 2(2)(d).

70 Mill-premessa 10 tad-Direttiva 2016/680 jirriżulta li l-kunċett ta' “awtorità kompetenti” għandu jinftiehem b'rabta mal-protezzjoni tad-data personali fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u tal-kooperazzjoni tal-pulizija, fid-dawl tal-aġġustamenti li jistgħu jirriżultaw neċessarji, f'dan ir-rigward, minħabba n-natura speċifika ta' dawn l-oqsma. Barra minn hekk, il-premessa 11 ta' din id-direttiva tispeċifika li l-GDPR japplika għall-ipproċessar ta' data personali li jsir minn “awtorità kompetenti”, fis-sens tal-Artikolu 3(7) tagħha, iżda għal finijiet differenti minn dawk previsti fid-Direttiva 2016/680.

71 Fid-dawl tal-elementi li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja, ma jidhirx li, fl-eżerċizzju tal-attivitajiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jikkonsistu fil-komunikazzjoni lill-pubbliku, b'għan ta' sigurtà fit-toroq, ta' data personali dwar il-punti ta' penalitajiet, is-CSDD tista' titqies bħala "awtorità kompetenti", fis-sens ta' dan l-Artikolu 3(7) tad-direttiva 2016/680 u, għaldaqstant, li tali attivitajiet jistgħu jaqgħu taħt l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 2(2)(d) tal-GDPR.

72 Għaldaqstant, il-komunikazzjoni miċ-CSDD tad-data personali dwar il-punti ta' penalità imposti fuq is-sewwieqa ta' vetturi għal reati tat-traffiku taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-GDPR.

73 Fir-rigward tal-applikabbiltà tal-Artikolu 10 tal-GDPR għal tali komunikazzjoni, għandu jkun magħruf jekk l-informazzjoni kkomunikata tikkostitwixxix data personali "relatata ma' kundanni kriminali u reati jew relatata ma' miżuri ta' sigurtà [konnessi]" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li l-ipproċessar tagħha "għandu jsir biss taħt il-kontroll ta' awtorità uffiċjali" sakemm ma tkunx "awtorizzat[a] minn liġi tal-Unjoni jew liġi ta' Stat Membru li tipprevedi salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data".

74 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-imsemmi Artikolu 10 għandu l-għan li jiżgura protezzjoni msaħħa fil-konfront ta' pproċessar li, minħabba s-sensittività partikolari tad-data inkwistjoni, ikun jista' jikkostitwixxi indħil partikolarment serju fid-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali, żgurati mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Settembru 2019, GC *et* (Tneħħija ta' referenza għal informazzjoni sensittiva), C-136/17, EU:C:2019:773, punt 44).

75 Fil-fatt, peress li d-data li jirreferi għaliha l-Artikolu 10 tal-GDPR tirrigwarda aġir li jwassal għad-diżapprovazzjoni tas-soċjetà, l-għoti ta' aċċess għal tali data jista' jistigmatizza lill-persuna kkonċernata u b'hekk jikkostitwixxi indħil serju fil-ħajja privata jew professjonali tagħha.

76 F'dan il-każ, huwa minnu li d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet Latvjani intiżi sabiex jissanzjonaw ir-reati tat-traffiku huma, kif enfasizza l-Gvern Latvjan fit-tweġibiet tiegħu għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, inklużi fir-reġistru tal-kundanni, li l-pubbliku għandu aċċess għalih biss f'każijiet limitati, u mhux fir-reġistru tal-vetturi u tas-sewwieqa tagħhom, li għalih l-Artikolu 14[1] (2) tal-Liġi dwar it-traffiku fit-toroq jagħti aċċess liberu. Madankollu, kif enfasizzat il-qorti tar-rinviju, il-komunikazzjoni miċ-CSDD tad-data personali dwar il-punti ta' penalità u mniżżla f'dan l-aħħar reġistru tippermetti lill-pubbliku jsir jaf jekk persuna partikolari wettqitx reati tat-traffiku u, fl-affermattiv, li minn dan tiddeduċi l-gravità u l-frekwenza ta' dawn ir-reati. Tali sistema ta' komunikazzjoni ta' punti ta' penalità twassal, għaldaqstant, għall-għoti ta' aċċess għal data personali dwar ir-reati tat-traffiku.

77 Sabiex jiġi ddeterminat jekk tali aċċess jikkostitwixxix ipproċessar ta' data personali dwar "reati", fis-sens tal-Artikolu 10 tal-GDPR, għandu jiġi osservat, l-ewwel nett, li dan il-kunċett jirreferi esklużivament għar-reati kriminali, hekk kif jirriżulta b'mod partikolari mill-oriġini tal-GDPR. Fil-fatt, filwaqt li l-Parlament Ewropew kien ippropona li jiġu inklużi espressament f'din id-dispożizzjoni t-termini "sanzjonijiet amministrattivi" (ĠU 2017, C 378, p. 430), din il-proposta ma ġietx aċċettata. Dan il-fatt huwa iktar notevoli peress li d-dispożizzjoni li ppreċediet l-Artikolu 10 tal-GDPR, jiġifieri l-Artikolu 8(5) tad-Direttiva 95/46, li kien jirreferi, fl-ewwel paragrafu tiegħu, għall-"offiżi" u għall-"kundanni kriminali", kienet toffri, fit-tieni paragrafu tagħha, il-possibbiltà lill-Istati Membri li "jipprovdu li data dwar sanzjonijiet amministrattivi [jiġu wkoll] ipproċessati taħt il-kontroll ta' awtorità uffiċjali". Għalhekk, minn qari globali ta' dan l-Artikolu 8(5) jirriżulta b'mod ċar li l-kunċett ta' "reat" kien jirreferi biss għar-reati kriminali.

78 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li l-leġiżlatur tal-Unjoni, billi deliberatament naqas milli jinkludi l-aġġettiv "amministrattiv" fl-Artikolu 10 tal-GDPR, kellu l-intenzjoni li jirriżerva l-protezzjoni ogħla prevista minn din id-dispożizzjoni għall-qasam kriminali biss.

79 Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 74 sa 77 tal-konklużjonijiet tiegħu, mill-fatt li diversi verżjonijiet lingwistiċi tal-Artikolu 10 tal-GDPR jirreferu espressament għar-"reati kriminali", bħal dawk fil-lingwa Ġermaniża (*Straftaten*), Spanjola (*infracciones penales*), Taljana (*reati*), Litwana (*nusikalstamas veikas*), Maltija (reati) u Olandiża (*strafbare feiten*).

80 It-tieni nett, il-fatt li r-reati tat-traffiku jiġu kklassifikat bħala amministrattivi fil-Latvja ma huwiex determinanti sabiex jiġi evalwat jekk dan il-ksur jaqax taħt l-Artikolu 10 tal-GDPR.

81 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-kliem ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma jkun fih l-ebda riferiment espliċitu għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġi stabbilit is-sens u l-portata tagħha għandu normalment jingħata, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi (sentenzi tad-19 ta' Settembru 2000, Linster, C-287/98, EU:C:2000:468, punt 43, u tal-1 ta' Ottubru 2019, Planet49, C-673/17, EU:C:2019:801, punt 47).

82 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat, qabel kollox, li l-GDPR ma jinkludi ebda riferiment għad-drittijiet nazzjonali f'dak li jikkonċerna l-portata tat-termini li jinsabu fl-Artikolu 10 tiegħu, b'mod partikolari tat-termini "reati" u "kundanni kriminali".

83 Sussegwentement, mill-premessa 10 tal-GDPR jirriżulta li dan huwa intiż sabiex jikkontribwixxi għat-twettiq ta' spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja billi jiżgura livell koerenti u għoli ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, li jippreżupponi li dan il-livell ta' protezzjoni jkun ekwivalenti u omoġenju fl-Istati Membri kollha. Issa, ikun kuntrarju għal tali għan li l-protezzjoni msaħħa prevista f'din id-dispożizzjoni tapplika għall-ipproċessar tad-data personali relattiva għar-reati tat-traffiku biss f'ċerti Stati Membri u mhux f'oħrajn, għas-sempliċi raġuni li dawn ir-reati ma humiex ikklassifikati bħala kriminali f'dawn l-aħħar Stati Membri.

84 Finalment, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 84 tal-konklużjonijiet tiegħu, din il-konstatazzjoni hija kkorroborata mill-premessa 13 tad-Direttiva 2016/680 li tindika li "reat kriminali skont it-tifsira ta' din id-Direttiva għandu jkun kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-'Qorti tal-Ġustizzja')".

85 Minn dan jirriżulta li l-kunċett ta' "reat kriminali", deċiżiv sabiex tiġi ddeterminata l-applikabbiltà tal-Artikolu 10 tal-GDPR għal data personali dwar ir-reati tat-traffiku, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jeħtieġ, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi, li għandha tingħata billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni u l-kuntest tagħha, mingħajr ma tkun determinanti f'dan ir-rigward il-klassifikazzjoni mogħtija mill-Istat Membru kkonċernat lil dawn ir-reati, peress li din il-klassifikazzjoni tista' tkun differenti minn pajjiż għal ieħor (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2013, Baláž, C-60/12, EU:C:2013:733, punti 26 u 35).

86 It-tielet nett, għandu jiġi eżaminat jekk ir-reati tat-traffiku, bħal dawk li jagħtu lok għar-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-vetturi u tas-sewwieqa tagħhom ta' punti ta' penalità li l-komunikazzjoni tagħhom lil terzi hija prevista mid-dispożizzjoni kontenzjuża, jikkostitwixxux "reat kriminali", fis-sens tal-Artikolu 10 tal-GDPR.

87 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tliet kriterji huma rilevanti sabiex tiġi evalwata n-natura kriminali ta' reat. L-ewwel hija l-kwalifika legali tar-reat fid-dritt nazzjonali, it-tieni, in-natura stess tar-reat u, it-tielet, il-livell ta' severità tas-sanzjoni li tirriskja li tbati l-persuna interessata (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2012, Bonda, C-489/10, EU:C:2012:319, punt 37; tal-20 ta' Marzu 2018, Garlsson Real Estate et, C-537/16, EU:C:2018:193, punt 28, kif ukoll tat-2 ta' Frar 2021, Consob, C-481/19, EU:C:2021:84, punt 42).

88 Anki għal reati li ma humiex ikklassifikat bħala "kriminali" mid-dritt nazzjonali, tali natura tista' madankollu tirriżulta min-natura stess tal-ksur inkwistjoni u mil-livell ta' severità tas-sanzjonijiet li dan jista' jwassal għalihom (ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Marzu 2018, Garlsson Real Estate *et*, C-537/16, EU:C:2018:193, punti 28 u 32).

89 Fir-rigward tal-kriterju dwar in-natura stess tar-reat, dan jimplika li għandu jiġi vverifikat jekk is-sanzjoni inkwistjoni għandhiex, b'mod partikolari, għan repressiv, mingħajr ma s-sempliċi fatt li hija għandha wkoll għan preventiv huwa ta' natura li jneħħilha l-klassifikazzjoni tagħha bħala sanzjoni kriminali. Fil-fatt, huwa fin-natura nfisha tas-sanzjonijiet kriminali li dawn ikunu intiżi kemm għar-repressjoni kif ukoll għall-prevenzjoni ta' aġir illegali. Min-naħa l-oħra, miżura li sempliċement tirrepara d-dannu kkawżat mill-ksur ikkonċernat ma għandhiex natura kriminali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2012, Bonda, C-489/10, EU:C:2012:319, punt 39, kif ukoll tal-20 ta' Marzu 2018, Garlsson Real Estate *et*, C-537/16, EU:C:2018:193, punt 33). Issa, huwa stabbilit li l-attribuzzjoni tal-punti ta' penalità għal reati tat-traffiku, l-istess bħall-multi jew bħal sanzjonijiet oħra li jista' jwassal għalihom it-twettiq ta' dawn ir-reati, ma għandhomx biss l-għan li jikkumpensaw għad-danni eventwalment ikkawżati mill-imsemmija reati, iżda għandhom ukoll għan repressiv.

90 Fir-rigward tal-kriterju dwar il-grad ta' severità tas-sanzjonijiet li jista' jwassal għalihom it-twettiq ta' dawn ir-reati, għandu jiġi rrilevat, qabel kollox, li huma biss ir-reati tat-traffiku ta' ċerta gravità li jinvolvi l-attribuzzjoni ta' punti ta' penalità u li, għaldaqstant, tali ksur jista' jwassal għal sanzjonijiet ta' ċerta severità. Sussegwentement, l-impożizzjoni ta' punti ta' penalità ġeneralment tiżdied mas-sanzjoni imposta f'każ ta' twettiq ta' tali ksur, liema ħaġa hija barra minn hekk il-każ, hekk kif ġie rrilevat fil-punt 58 ta' din is-sentenza, tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Finalment, l-akkumulazzjoni tal-imsemmija punti twassal, fiha nnifisha, għal konsegwenzi ġuridiċi, bħall-obbligu li wieħed jgħaddi minn eżami, jew anki projbizzjoni ta' sewqan.

91 Din l-analiżi hija kkorroborata mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li tgħid li, minkejja t-tendenza għad-"dekriminalizzazzjoni" tar-reati tat-traffiku f'ċerti Stati, dawn ir-reati għandhom ġeneralment, fid-dawl tal-għan kemm preventiv kif ukoll repressiv tas-sanzjonijiet imposti u tal-grad ta' severità li dawn jistgħu jilħqu, jitqiesu li huma ta' natura kriminali (ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 21 ta' Frar 1984, Öztürk vs Il-Ġermanja, CE:ECHR:1984:0221JUD000854479, punti 49 sa 53; 29 ta' Ġunju 2007, O'Halloran u Francis vs Ir-Renju Unit CE:ECHR:2007:0629JUD001580902, punti 33 sa 36, kif ukoll tal-4 ta' Ottubru 2016, Rivard vs L-Isvizzera, CE:ECHR:2016:1004JUD002156312, punti 23 u 24).

92 Il-klassifikazzjoni tar-reati tat-traffiku li jistgħu jwasslu għall-għoti ta' punti ta' penalità bħala "reat kriminali", fis-sens tal-Artikolu 10 tar-GDPR, taqbel ukoll mal-għan ta' din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, il-komunikazzjoni lill-pubbliku ta' data personali dwar ir-reati tat-traffiku, inklużi l-punti ta' penalità imposti għat-twettiq tagħhom, tista', fid-dawl tal-fatt li tali ksur jikkostitwixxi preġudizzju għas-sigurtà fit-toroq, tipprovoka d-diżapprovazzjoni tas-soċjetà u twassal għall-istigmatizzazzjoni tal-persuna kkonċernata, b'mod partikolari meta dawn il-punti juru ċerta gravità jew ċerta frekwenza tar-reati msemmija.

93 Minn dan jirriżulta li r-reati tat-traffiku li jistgħu jwasslu għall-attribuzzjoni ta' punti ta' penalità jaqgħu taħt il-kunċett ta' "reati" msemmi fl-Artikolu 10 tal-GDPR.

94 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 10 tal-GDPR għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika għall-ipproċessar ta' data personali dwar il-punti ta' penalità imposti fuq is-sewwieqa ta' vetturi għal reati tat-traffiku.

### *Fuq it-tieni domanda*

95 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk id-dispożizzjonijiet tal-GDPR għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lill-korp pubbliku responsabbli mir-reġistru li fih jiġu rreġistrati l-punti ta' penalità imposti fuq is-sewwieqa ta' vetturi għal reati tat-traffiku milli jikkomunikaw din id-data lil kull persuna li tagħmel talba għaliha, mingħajr ma din ikollha għalfejn tiġġustifika interess speċifiku li tikseb l-imsemmija data.

96 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li kull ipproċessar ta' data personali għandu, minn naħa, ikun konformi mal-prinċipji dwar l-ipproċessar tad-data stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-GDPR u, min-naħa l-oħra, għandu jissodisfa wieħed mill-prinċipji relatati mal-legalità tal-ipproċessar elenkati fl-Artikolu 6 tal-imsemmi regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Jannar 2019, Deutsche Post, C-496/17, EU:C:2019:26, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

97 Fir-rigward tal-prinċipji dwar l-ipproċessar tad-data personali, huwa minnu li l-qorti tar-rinviju tirreferi speċifikament għall-prinċipji ta' "integrità" u ta' "kunfidenzjalità" stabbiliti fl-Artikolu 5(1)(f) tal-GDPR. Madankollu, mill-mistoqsijiet tal-imsemmija qorti jirriżulta li din tfittex li tistabbilixxi b'mod iktar ġenerali jekk l-ipproċessar tad-data personali inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistax jitqies bħala legali fid-dawl tad-dispożizzjonijiet kollha tal-imsemmi regolament u, b'mod partikolari, fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

98 Minn dan isegwi li, fir-risposta li għandha tingħata lil din il-qorti, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni anki prinċipji oħra stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tal-imsemmi regolament u, b'mod partikolari, il-prinċipju tal-"minimizzazzjoni tad-data" li jinsab fil-punt (c) ta' din id-dispożizzjoni, li jipprovdi li d-data personali għandha tkun adegwata, rilevanti u limitata għal dak li huwa neċessarju fir-rigward tal-għanijiet li din hija pproċessata għalihom u li tagħti espressjoni lill-imsemmi prinċipju ta' proporzjonalità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2019, Asociația de Proprietari bloc M5A-ScaraA, C-708/18, EU:C:2019:1064, punt 48).

99 F'dak li jikkonċerna l-prinċipji relattivi għal-legalità tal-ipproċessar, l-Artikolu 6 tal-GDPR jistabbilixxi lista eżawrjenti u limitattiva ta' każijiet li fihom l-ipproċessar tad-data personali jista' jitqies bħala legali. B'hekk, sabiex ipproċessar ikun jista' jitqies li huwa skont il-liġi, dan għandu jkun kopert minn wieħed mill-każijiet previsti fl-imsemmi Artikolu 6 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2019, Asociația de Proprietari bloc M5A-ScaraA, C-708/18, EU:C:2019:1064, punt 37 u 38). F'dan ir-rigward, l-ipproċessar tad-data personali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri l-komunikazzjoni lill-pubbliku tad-data dwar il-punti ta' penalità imposti għal reati tat-traffiku, imwettaq miċ-CSDD jista' jaqa' taħt l-Artikolu 6(1)(e) tal-GDPR, li abbażi tiegħu l-ipproċessar ikun legali jekk, u sa fejn, ikun "meħtieġ għat-twettiq ta' kompitu li jsir fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali mogħtija lill-kontrollur".

100 Barra minn hekk, sa fejn, kif ġie kkonstatat fil-punt 94 ta' din is-sentenza, id-data personali dwar il-punti ta' penalità imposti fuq is-sewwieqa ta' vetturi għal reati tat-traffiku taqa' taħt l-Artikolu 10 tal-GDPR, l-ipproċessar tagħha huwa suġġett għar-restrizzjonijiet addizzjonali previsti f'din id-dispożizzjoni. Għalhekk, konformement magħha, l-ipproċessar ta' din id-data "għandu jsir biss taħt il-kontroll ta' awtorità uffiċjali", sakemm ma jkunx "awtorizzat minn liġi tal-Unjoni jew liġi ta' Stat Membru li tipprevedi salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data". Barra minn hekk, id-dispożizzjoni msemmija tippreċiża li "[k]walunkwe reġistru komprensiv ta' kundanni kriminali għandu jinżamm biss taħt il-kontroll ta' awtorità uffiċjali".

101 F'dan il-każ, huwa stabbilit li l-ipproċessar ta' data personali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri l-komunikazzjoni lill-pubbliku tad-data dwar il-punti ta' penalità imposti għal reati tat-traffiku, jitwettaq minn korp pubbliku, iċ-CSDD, li hija responsabbli mill-ipproċessar fis-sens tal-punt 7 tal-Artikolu 4 tal-GDPR (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2017, Manni, C-398/15, EU:C:2017:197, punt 35). Madankollu, huwa stabbilit ukoll li, ladarba tiġi kkomunikata, din id-data tiġi kkonsultata mill-persuni li jkunu talbu l-komunikazzjoni tagħha u, jekk ikun il-każ, tinżamm jew tiġi mxerrda minn dawn il-persuni. Sa fejn dan l-ipproċessar sussegwenti tad-data ma jsirx iktar "taħt il-kontroll" taċ-CSDD jew ta' awtorità pubblika oħra, id-dritt nazzjonali li jawtorizza l-komunikazzjoni mis-CSDD tal-imsemmija data għandu jipprevedi "salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data".

102 Għaldaqstant, huwa fid-dawl kemm tal-kundizzjonijiet ġenerali ta' legalità, b'mod partikolari ta' dawk stabbiliti fl-Artikolu 5(1)(c) u fl-Artikolu 6(1)(e) tal-GDPR, kif ukoll tar-restrizzjonijiet partikolari previsti fl-Artikolu 10 tiegħu li għandha tiġi eżaminata l-konformità ma' dan ir-regolament ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

103 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li ebda waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet ma tipprojbixxi b'mod ġenerali u assolut li, skont leġiżlazzjoni nazzjonali, awtorità pubblika tkun awtorizzata, jew saħansitra mġiegħla, li tikkomunika data personali lill-persuni li jitolbu għaliha.

104 Fil-fatt, għalkemm l-Artikolu 5(1)(c) tal-GDPR jissuġġetta l-ipproċessar tad-data personali għall-osservanza tal-prinċipju ta' "minimizzazzjoni tad-data", mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta b'mod ċar li din ma hijiex intiża li tistabbilixxi tali projbizzjoni ġenerali u assoluta u li, b'mod partikolari, din ma tipprekludix li data personali tiġi kkomunikata lill-pubbliku meta din il-komunikazzjoni tkun neċessarja għall-eżekuzzjoni ta' funzjoni ta' interess pubbliku jew li taqa' taħt l-eżerċizzju tal-awtorità pubblika, fis-sens tal-Artikolu 6(1)(e) ta' dan ir-regolament. Dan japplika wkoll meta d-data inkwistjoni taqa' taħt l-Artikolu 10 tal-GDPR, sakemm il-leġiżlazzjoni li tawtorizza din il-komunikazzjoni tipprevedi salvagwardji xierqa għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-persuni kkonċernati [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Settembru 2019, GC *et* (Tneħħija ta' referenza għal informazzjoni sensittiva), C-136/17, EU:C:2019:773, punt 73].

105 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li d-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali ma humiex prerogattivi assoluti, iżda għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fir-rigward tal-funzjoni tagħhom fis-soċjetà u għandhom jiġu bbilanċjati ma' drittijiet fundamentali oħra. Għalhekk jistgħu jsiru limitazzjonijiet, sakemm, konformement mal-Artikolu 52(1) tal-Karta, dawn ikunu previsti mil-liġi u josservaw il-kontenut essenzjali tad-drittijiet fundamentali kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità. Abbażi ta' dan l-aħħar prinċipju, jistgħu jsiru limitazzjonijiet biss jekk dawn ikunu meħtieġa u jekk effettivament ifittxu għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti drittijiet u

libertajiet ta' ħaddieħor. Dawn għandhom jiġu applikati fil-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju u l-leġiżlazzjoni li tinvolvi l-indħil għandha tipprevedi regoli ċari u preċiżi li jirregolaw il-portata u l-applikazzjoni tal-miżura inkwistjoni (ara f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Facebook Ireland u Schrems, C-311/18, EU:C:2020:559, punti 172 sa 176).

106 Għaldaqstant, sabiex jiġi ddeterminat jekk komunikazzjoni lill-pubbliku ta' data personali dwar il-punti ta' penalità, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hijiex neċessarja għall-eżekuzzjoni ta' missjoni ta' interess pubbliku jew li taqa' taħt l-eżerċizzju tal-awtorità pubblika, fis-sens tal-Artikolu 6(1)(e) tal-GDPR, u jekk il-leġiżlazzjoni li tawtorizza tali komunikazzjoni tipprevedix salvagwardji xierqa għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-persuni kkonċernati, fis-sens tal-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament, għandu jiġi vverifikat b'mod partikolari jekk, fid-dawl tal-gravità tal-indħil fuq id-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali kkawżat mill-imsemmija komunikazzjoni, din tidhirx li hija ġġustifikata u, b'mod partikolari, proporzjonata, għall-finijiet tat-twettiq tal-għanijiet imfittxija.

107 F'dan il-każ, il-Parlament Latvjan, fl-osservazzjonijiet tiegħu quddiem il-qorti tar-rinviju, u l-Gvern Latvjan, fl-osservazzjonijiet tiegħu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, isostnu li l-komunikazzjoni miċ-CSDD lil kull persuna li titlobha data personali dwar il-punti ta' penalità taqa' taħt il-kompitu ta' interess pubbliku, li jinsab fuq dan il-korp, li tittejjeb is-sigurtà fit-toroq u hija intiża, f'dan il-kuntest, b'mod partikolari sabiex tippermetti l-identifikazzjoni tas-sewwieqa ta' vetturi li jiksru sistematikament ir-regoli tat-traffiku u li jinfluwenzaw l-aġir tal-utenti tat-toroq billi jħeġġuhom jadottaw aġir konformi mar-regoli msemmija.

108 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li t-titjib tas-sigurtà fit-toroq jikkostitwixxi għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' April 2015, Aykul, C-260/13, EU:C:2015:257, punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata). L-Istati Membri huma għalhekk fondati li jikklassifikaw is-sigurtà fit-toroq bħala "missjoni ta' interess pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 6(1)(e) tal-GDPR.

109 Madankollu, sabiex jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti minn din l-aħħar dispożizzjoni, huwa neċessarju li l-komunikazzjoni tad-data personali dwar il-punti ta' penalità mniżżla fir-reġistru miżmum miċ-CSDD tissodisfa effettivament l-għan ta' interess ġenerali ta' titjib tas-sigurtà fit-toroq, mingħajr ma tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan.

110 Kif tenfasizza l-premessa 39 tal-GDPR, dan ir-rekwiżit ta' neċessità ma jkunx issodisfatt meta l-għan ta' interess ġenerali mfittex jista'raġonevolment jintlaħaq b'mod daqstant effettiv b'mezzi oħra li jippreġudikaw inqas id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati, b'mod partikolari d-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali ggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, peress li d-derogi u r-restrizzjonijiet għall-prinċipju tal-protezzjoni ta' tali data għandhom isiru fil-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Diċembru 2019, Asociația de Proprietari bloc M5A-ScaraA, C-708/18, EU:C:2019:1064, punti 46 u 47, kif ukoll tas-16 ta' Lulju 2020, Facebook Ireland u Schrems, C-311/18, EU:C:2020:559, punt 113).

111 Issa, kif jirriżulta mill-prattika tal-Istati Membri, kull wieħed minnhom għandu diversi mezzi ta' azzjonijiet li fosthom hemm, b'mod partikolari, dik li tikkonsisti fl-issanzjonar b'mod dissważiv tar-reati tat-traffiku, b'mod partikolari billi x-xufiera kkonċernati jiġu mċaħħda mid-dritt li jsuqu vettura, filwaqt li l-ksur ta' tali projbizzjoni jista', min-naħa tiegħu, jiġi ssanzjonat permezz ta' pieni effettivi, mingħajr ma jkun neċessarju li tiġi kkomunikata l-adozzjoni ta' tali miżuri lill-pubbliku. Minn din il-prattika jirriżulta wkoll li barra minn hekk jistgħu jiġu adottati diversi

miżuri preventivi, minn kampanji ta' sensibilizzazzjoni kollettiva sal-adozzjoni ta' miżuri individwali li jikkonsistu f'li x-xufier jiġi mġiegħel isegwi taħriġ u jagħmel eżamijiet, mingħajr ma jkun neċessarju li jikkomunika l-adozzjoni ta' tali miżuri individwali lill-pubbliku. Issa, mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax li tali miżuri kienu ġew eżaminati u mogħtija prijorità mil-leġiżlatur Latvjan minflok l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

112 Barra minn hekk, kif ġie rrilevat fil-punt 92 ta' din is-sentenza, il-komunikazzjoni lill-pubbliku tad-data personali dwar ir-reati tat-traffiku, inkluża d-data dwar il-punti ta' penalità imposti għat-twettiq tagħhom, tista' tikkostitwixxi indħil serju fid-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali, peress li tista' tipprovoka d-diżapprovazzjoni tas-soċjetà u twassal għall-istigmatizzazzjoni tal-persuna kkonċernata.

113 Fid-dawl, minn naħa, tas-sensittività tad-data inkwistjoni u tal-gravità tal-imsemmi ndħil fid-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali tal-persuni kkonċernati kif ukoll, min-naħa l-oħra, tal-fatt li, fid-dawl tal-konstatazzjonijiet magħmula fil-punt 111 ta' din is-sentenza, ma jidhirx li l-għan tat-titjib tas-sigurtà fit-toroq ma jistax jintlaħaq b'mod raġonevoli b'mod daqstant effettiv b'mezzi oħra li huma inqas ta' preġudizzju, il-ħtieġa, biex jiġi żgurat dan l-għan, ta' tali sistema ta' komunikazzjoni ta' data personali dwar il-punti ta' penalità imposti għal reati tat-traffiku ma tistax titqies li hija stabbilita (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, Volker und Markus Schecke u Eifert (C-92/09 u C-93/09, EU:C:2010:662, punt 86).

114 Għalhekk, għalkemm jista' jkun iġġustifikat li ssir distinzjoni bejn is-sewwieqa li jiksru r-regoli tat-traffiku fit-toroq b'mod sistematiku u *in mala fide* meta mqabbla mas-sewwieqa li jwettqu reat okkażjonalment, ma jistax madankollu jitqies li l-identifikazzjoni tal-ewwel kategorija ta' dawn is-sewwieqa għandha, għall-finijiet tat-titjib tas-sigurtà fit-toroq, titwettaq minn jew tixxerred mal-pubbliku ġenerali, b'tali mod li huwa wkoll permess li tiġi ddubitata l-kapaċità tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali li tilħaq l-ewwel wieħed mill-għanijiet imsemmija fil-punt 107 ta' din is-sentenza.

115 Barra minn hekk, mill-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li ċ-CSDD tikkomunika lill-pubbliku mhux biss id-data dwar il-punti ta' penalità imposti fuq is-sewwieqa li jiksru r-regoli tat-traffiku fit-toroq b'mod sistematiku u *in mala fide*, iżda wkoll dik relatata mal-punti ta' penalità imposti fuq is-sewwieqa li jwettqu reati okkażjonalment. B'hekk jidher li, billi tipprevedi aċċess iġġeneralizzat tal-pubbliku għall-punti ta' penalità, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fi kwalunkwe każ, tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat l-għan li jiġi miġġieled il-ksur sistematiku u ta' *mala fide* tar-regoli tat-traffiku fit-toroq.

116 Fir-rigward tat-tieni wieħed mill-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, imfakkar fil-punt 107 ta' din is-sentenza, mill-imsemmi proċess jirriżulta li, għalkemm setgħet tiġi osservata tendenza ta' tnaqqis fin-numru ta' inċidenti tat-traffiku fil-Latvja, xejn ma jippermetti li jiġi konkluż li din it-tendenza hija marbuta mal-iżvelar tal-informazzjoni dwar il-punti ta' penalità pjuttost milli mal-istabbiliment tas-sistema tal-punti ta' penalità bħala tali.

117 Il-konklużjoni msemmija fil-punt 113 ta' din is-sentenza ma hijiex invalidata mill-fatt li ċ-CSDD tissuġġetta, fil-prattika, il-komunikazzjoni tad-data personali inkwistjoni għall-kundizzjoni li l-applikant jindika n-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali tas-sewwieq li jixtieq jinforma ruħu dwaru.

118 Fil-fatt, anki jekk jitqies, kif ippreċiża l-Gvern Latvjan, li l-komunikazzjoni tan-numri ta' identifikazzjoni nazzjonali mill-korpi pubbliċi li jżommu r-reġistri tal-popolazzjoni hija suġġetta għal rekwiżiti stretti u b'hekk tissodisfa l-Artikolu 87 tal-GDPR, xorta jibqa' l-fatt li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kif applikata miċ-CSDD, tippermetti lil kull persuna li tkun taf in-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali ta' sewwieq partikolari tikseb, mingħajr ebda kundizzjoni oħra, id-data personali relatata mal-punti ta' penalità li ġew imposti fuq dan is-sewwieq. Tali sistema ta' żvelar tista' twassal għal sitwazzjoni li fiha din id-data tiġi kkomunikata lil persuni li jfittxu, għal raġunijiet li ma humiex relatati mal-għan ta' interess ġenerali ta' titjib tas-sigurtà fit-toroq, li jinformaw ruħhom dwar il-punti ta' penalità li jkunu ġew imposti fuq persuna partikolari.

119 Il-konklużjoni stabbilita fil-punt 113 ta' din is-sentenza lanqas ma hija invalidata mill-fatt li r-reġistru nazzjonali tal-vetturi u tas-sewwieqa tagħhom huwa dokument uffiċjali, fis-sens tal-Artikolu 86 tal-GDPR.

120 Fil-fatt, għalkemm l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti uffiċjali jikkostitwixxi, kif jirriżulta mill-premessa 154 ta' dan ir-regolament, interess pubbliku li jista' jilleġittima l-komunikazzjoni ta' data personali li tinsab f'tali dokumenti, dan l-aċċess għandu madankollu jiġi rrikonċiljat mad-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali, kif jeżiġi wkoll espressament l-imsemmi Artikolu 86. Issa, fid-dawl b'mod partikolari tas-sensittività tad-data relatata mal-punti ta' penalità imposti għal reati tat-traffiku u għall-gravità tal-indħil fid-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali tal-persuni kkonċernati li joħloq l-iżvelar ta' din id-data, għandu jitqies li dawn id-drittijiet jipprevalu fuq l-interess tal-pubbliku li jkollu aċċess għad-dokumenti uffiċjali, b'mod partikolari għar-reġistru nazzjonali tal-vetturi u tas-sewwieqa tagħhom.

121 Barra minn hekk, għal din l-istess raġuni, id-dritt għal-libertà ta' informazzjoni previst fl-Artikolu 85 tal-GDPR ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jiġġustifika l-komunikazzjoni lil kull persuna li tagħmel talba tad-data personali dwar il-punti ta' penalità imposti għal reati tat-traffiku.

122 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li d-dispożizzjonijiet tal-GDPR, b'mod partikolari l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 6(1)(e) u l-Artikolu 10 tiegħu, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lill-korp pubbliku responsabbli mir-reġistru li fih huma rreġistrati l-punti ta' penalità imposti fuq is-sewwieqa ta' vetturi għal reati tat-traffiku li jpoġġi din id-data għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, mingħajr ma l-persuna li titlob l-aċċess ikollha għalfejn tiġġustifika interess speċifiku sabiex tikseb l-imsemmija data.

### *Fuq it-tielet domanda*

123 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dispożizzjonijiet tal-GDPR, b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(b) u l-Artikolu 10 tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(2)(c) tad-Direttiva 2003/98 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza lill-korp pubbliku responsabbli mir-reġistru li fih huma rreġistrati l-punti ta' penalità imposti fuq is-sewwieqa ta' vetturi għal reati tat-traffiku jikkomunika din id-data lil operaturi ekonomiċi għal finijiet ta' użu mill-ġdid.

124 Kif tenfasizza l-qorti tar-rinviju, din id-domanda toriġina mill-fatt li ċ-CSDD tikkonkludi ma' operaturi ekonomiċi kuntratti li permezz tagħhom l-ewwel waħda tibgħat lit-tieni d-data personali dwar il-punti ta' penalità rreġistrati fir-reġistru nazzjonali tal-vetturi u tas-sewwieqa

tagħhom, b'mod partikolari, sabiex kull persuna li tixtieq tinforma ruħha dwar il-punti ta' penalità imposti fuq sewwieq partikolari tkun tista' tikseb din id-data mhux biss mingħand iċ-CSDD, iżda wkoll mingħand dawn l-operaturi ekonomiċi.

125 Mir-risposta għat-tieni domanda jirriżulta li d-dispożizzjonijiet tal-GDPR, b'mod partikolari l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 6(1)(e) u l-Artikolu 10 tiegħu, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lill-korp pubbliku responsabbli mir-reġistru li fih huma rreġistrati l-punti ta' penalità imposti fuq is-sewwieqa ta' vetturi għal reati tat-traffiku li jagħmel din id-data aċċessibbli għall-pubbliku, mingħajr ma l-persuna li titlob l-aċċess ikollha għalfejn tiġġustifika interess speċifiku biex tikseb l-imsemmija data.

126 Dawn l-istess dispożizzjonijiet għandhom, għal raġunijiet identiċi għal dawk esposti fir-risposta għat-tieni domanda, jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu wkoll leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza lil korp pubbliku jikkomunika data ta' din in-natura lil operaturi ekonomiċi sabiex dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jużawha mill-ġdid u jikkomunikawha lill-pubbliku.

127 Finalment, fir-rigward tal-Artikolu 1(2)(c) tad-Direttiva 2003/98, imsemmi wkoll fit-tielet domanda magħmula, għandu jiġi kkonstatat li, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 128 u 129 tal-konklużjonijiet tiegħu, din id-dispożizzjoni ma hijiex rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali jipprekludux leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

128 Fil-fatt, indipendentement mill-punt dwar jekk id-data dwar il-punti ta' penalità imposti fuq is-sewwieqa għal reati tat-traffiku taqax jew le fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/98, il-portata tal-protezzjoni ta' din id-data għandha, fi kwalunkwe każ, tiġi ddeterminata abbażi tal-GDPR, kif jirriżulta, minn naħa, mill-premessa 154 ta' dan ir-regolament u, min-naħa l-oħra, mill-premessa 21 u mill-Artikolu 1(4) ta' din id-direttiva, moqrija flimkien mal-Artikolu 94(2) tal-GDPR, peress li l-Artikolu 1(4) tad-direttiva msemmija essenzjalment jipprevedi li din tħalli sħiħ u ma taffettwax il-livell ta' protezzjoni tal-persuni fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali żgurat b'mod partikolari mid-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, bl-ebda mod ma' tibdel id-drittijiet u l-obbligi previsti mill-GDPR.

129 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li d-dispożizzjonijiet tal-GDPR, b'mod partikolari l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 6(1)(e) u l-Artikolu 10 tiegħu, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza lill-korp pubbliku responsabbli mir-reġistru li fih huma rreġistrati l-punti ta' penalità imposti fuq is-sewwieqa ta' vetturi għal reati tat-traffiku li jikkomunika din id-data lil operaturi ekonomiċi għall-finijiet ta' użu mill-ġdid.

*Fuq ir-raba' domanda*

130 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-qorti kostituzzjonali ta' Stat Membru, adita b'rikors kontra leġiżlazzjoni nazzjonali li tirriżulta, fid-dawl ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fuq rinviju għal deċiżjoni preliminari, inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, tiddeċiedi, b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' ċertezza legali, li l-effetti legali ta' din il-leġiżlazzjoni jinżammu sad-data tal-għoti tas-sentenza li permezz tagħha hija tiddeċiedi b'mod definittiv dwar ir-rikors kostituzzjonali.

131 Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, din id-domanda saret minħabba n-numru kbir ta' relazzjonijiet ġuridiċi affettwati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali u minħabba l-fatt li, skont l-Artikolu 32(3) tal-Liġi dwar il-Qorti Kostituzzjonali u l-ġurisprudenza relatata, il-qorti tar-rinviju, fl-eżerċizzju tal-missjoni tagħha li tiżgura bilanċ bejn il-prinċipju ta' ċertezza legali u d-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati, tista' tillimita l-effett retroattiv tas-sentenzi tagħha sabiex tevita li dawn jiksru serjament id-drittijiet ta' ħaddieħor.

132 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' regoli tad-dritt tal-Unjoni, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni mogħtija lilha mill-Artikolu 267 TFUE, tikkjarifika u tippreċiża t-tifsira u l-portata ta' dawn ir-regoli, kif għandhom jew kif kellhom jinftiehmu u jiġu applikati mill-mument tad-dħul fis-seħħ tagħhom. Huwa biss eċċezzjonalment li l-Qorti tal-Ġustizzja tista', bl-applikazzjoni ta' prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali inerenti għas-sistema legali tal-Unjoni, tillimita lill-kull persuna kkonċernata l-possibbiltà li tinvoka dispożizzjoni li hija tkun interpretat sabiex tikkontesta relazzjonijiet legali stabbiliti *in bona fide*. Sabiex tkun tista' tiġi deċiża tali limitazzjoni, huwa meħtieġ li jiġu ssodisfatti żewġ kriterji essenzjali, jiġifieri l-*bona fide* tal-persuni kkonċernati u r-riskju ta' diffikultajiet serji (sentenzi tas-6 ta' Marzu 2007, Meilicke, C-292/04, EU:C:2007:132, punti 34 u 35; tat-22 ta' Jannar 2015, Balazs, C-401/13 u C-432/13, EU:C:2015:26, punti 49 u 50, kif ukoll tad-29 ta' Settembru 2015, Gmina Wrocław, C-276/14, EU:C:2015:635, punti 44 u 45).

133 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tali limitazzjoni tista' biss tkun ammessa fis-sentenza stess li tiddeċiedi fuq l-interpretazzjoni mitluba. Fil-fatt, jeħtieġ li jkun hemm mument uniku ta' determinazzjoni tal-effetti *ratione temporis* tal-interpretazzjoni mitluba li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti għal dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju. Il-prinċipju li limitazzjoni tista' tiġi ammessa biss fis-sentenza stess li tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni mitluba jiggarantixxi l-ugwaljanza fit-trattament tal-Istati Membri u tal-individwi l-oħra fil-konfront ta' dan id-dritt u fl-istess ħin jissodisfa r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' ċertezza legali (sentenza tas-6 ta' Marzu 2007, Meilicke, C-292/04, EU:C:2007:132, punti 36 u 37; ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-23 ta' Ottubru 2012, Nelson *et*, C-581/10 u C-629/10, EU:C:2012:657, punt 91, kif ukoll tas-7 ta' Novembru 2018, O'Brien, C-432/17, EU:C:2018:879, punt 34).

134 Konsegwentement, l-effetti *ratione temporis* ta' deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fuq rinviju għal deċiżjoni preliminari ma jistgħux jiddependu mid-data tal-għoti tas-sentenza li permezz tagħha l-qorti tar-rinviju tiddeċiedi b'mod definittiv fuq il-kawża prinċipali, u lanqas mill-evalwazzjoni minnha tal-ħtieġa li jinżammu l-effetti legali tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni.

135 Abbażi tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, ma jistax effettivament jiġi ammess li regoli tad-dritt nazzjonali, anki jekk ta' natura kostituzzjonali, jippreġudikaw l-unità u l-effettività ta' dan id-dritt (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Melloni, C-399/11, EU:C:2013:107, punt 59, kif ukoll tad-29 ta' Lulju 2019, Pelham *et*, C-476/17, EU:C:2019:624, punt 78). Anki jekk jitqies li kunsiderazzjonijiet imperattivi ta' ċertezza legali huma ta' natura li jwasslu, b'mod eċċezzjonali, għal sospensjoni provviżorja tal-effett ta' esklużjoni eżerċitat minn regola tad-dritt tal-Unjoni direttament applikabbli fir-rigward tad-dritt nazzjonali li jmur kontriha, il-kundizzjonijiet għal tali sospensjoni jistgħu jiġu ddeterminati mill-Qorti tal-Ġustizzja biss (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2010, Winner Wetten, C-409/06, EU:C:2010:503, punti 61 u 67).

136 F'dan il-każ, peress li ma ntwerietx l-eżistenza ta' riskju ta' diffikultajiet serji li jirriżultaw mill-interpretazzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din is-sentenza, ma hemmx lok li l-effetti ta' din tal-aħħar jiġu limitati *ratione temporis*, peress li l-kriterji msemmija fil-punt 132 ta' din is-sentenza huma kumulattivi.

137 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għar-raba' domanda għandha tkun li l-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-qorti kostituzzjonali ta' Stat Membru, adita b'rikors kontra leġiżlazzjoni nazzjonali li jirriżulta, fid-dawl ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fuq rinviju għal deċiżjoni preliminari, inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, tiddeċiedi, b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' ċertezza legali, li l-effetti legali ta' din il-leġiżlazzjoni jinżammu fis-seħħ sad-data tal-għoti tas-sentenza li permezz tagħha din tiddeċiedi b'mod definittiv dwar ir-rikors kostituzzjonali.

## Fuq l-ispejjeż

138 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika għall-ipproċessar ta' data personali dwar il-punti ta' penalità imposti fuq is-sewwieqa ta' vetturi għal reati tat-traffiku.**

2) **Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679, b'mod partikolari l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 6(1)(e) u l-Artikolu 10 tiegħu, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lill-korp pubbliku responsabbli mir-reġistru li fih huma rreġistrati l-punti ta' penalità imposti fuq is-sewwieqa ta' vetturi għal reati tat-traffiku li jpoġġi din id-data għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, mingħajr ma l-persuna li titlob l-aċċess ikollha għalfejn tiġġustifika interess speċifiku sabiex tikseb l-imsemmija data.**

3) **Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679, b'mod partikolari l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 6(1)(e), u l-Artikolu 10 tiegħu, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza lill-korp pubbliku responsabbli mir-reġistru li fih huma rreġistrati l-punti ta' penalità imposti fuq is-sewwieqa ta' vetturi għal reati tat-traffiku li jikkomunika din id-data lil operaturi ekonomiċi għall-finijiet ta' użu mill-ġdid.**

4) **Il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-qorti kostituzzjonali ta' Stat Membru, adita b'rikors kontra leġiżlazzjoni nazzjonali li jirriżulta, fid-dawl ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fuq rinviju għal deċiżjoni preliminari, inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, tiddeċiedi,**

**b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' ċertezza legali, li l-effetti legali ta' din il-leġiżlazzjoni jinżammu fis-seħħ sad-data tal-għoti tas-sentenza li permezz tagħha din tiddeċiedi b'mod definittiv dwar ir-rikors kostituzzjonali.**

Firem